MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 595/2007

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**Vs**
**Phonica Systems Ltd (C19112)**
**Paul Scerri (ID Nru 114174(M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-bank attur fit-28 ta’ Mejju, 2007, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fiz-zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela datati fl-24 ta' Settembru 1996 (Dok. A u B), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Phonica Systems Limited.
2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Phonica Systems Limited fis-somma ta' hdax-il elf, hamsa u disghin Liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (LM11,095.34) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" ta' Phonica

Systems Ltd. mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "Cl sa C2", Dok "Dl sa D52") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-10 ta' Mejju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;
3. Illi permezz tal-kuntratti fuq imsemmija (Dok. 'A' u 'B') kif ukoll permezz ta' skrittura privata u cioe' dik datata fit-18 ta' Marzu 1999 (Dok "E"), il-konvenut Paul Scerri iggarantixxa flimkien u "in solidum" ma' Phonica Systems Ltd. ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Phonica Systems Ltd. mal-Bank of Valletta p.l.c.
4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument "A u B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Phonica Systems Ltd.;
(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Phonica Systems Ltd. Li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hIas Iura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.
5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.
6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati fis-17 ta' Gunju 2002 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok "F u G", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab ghaldaqstant wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni lill-konvenuti jghidu ghaliex din il- Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument "A u B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Phonica Systems Ltd. (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Phonica Systems Ltd. Ii jipperikolaw

jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas Iura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.
2. Tikkundanna IiI Phonica Systems Ltd. u lil Paul Scerri flimkien u "in solidum" jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, hamsa u disghin Liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (LM11,095.34) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u I-Overdraft Accounts" ta' Phonica Systems Ltd. mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C2", Dok "D1 sa D52") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-10 ta' Mejju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati fis-17 ta' Gunju 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru kontra l-konvenuti Ii huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni u bir-rizerva ghall-pretensjonijiet ohra Ii s-socjeta' attrici ghandha kontra l-konvenuti Ii dwarhom is-socjeta' attrici ser tipprocedi b'kawza separata.

Rat in-nota tax-xhieda ta’ l-Bank attur;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b’hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xiehda tal-PL Joseph Zammit prodott mill-Bank attur;

Semghet l-Avukat ta’ l-Bank attur;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-Bank attur kif dedotti fir-rikors guramentat bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------